## Il-FESTI MALTIN: TERMINOLOĠIJA U TAGĦRIF IEĦOR DWAR L-ARMAR TA' BARRA FIL-FESTI RELIĠJUŻI - 2

**Saviour Camilleri**

# L-ISTATWA

Wasalna fit-tielet fażi - biex ingħid hekk – meta jmiss li jittellgħu l-istatwi fuq il-kolonni rispettivi tagħhom. Il-festa, issa, tkun qorbot sew u jkun baqa' xi ġimgħa qabel nhar il-festa. Dawn l-istatwi, wieħed malajr jilmaħhom, għax ikunu jinsabu jew biswit il-knisja jew fi pjazez oħra biex jimlew u jsebbħu l-wesgħat, l-aktar jekk ikunu xi statwi b'iktar minn **FIGURA** waħda.

Nibda biex nagħti ftit tagħrif siewi dwar il-bidu ta' dawn l-istatwi. Xi statwarji jżommu is-sena 1875 jew qribha, fiż-żmien l-aħwa Darmanin mill-Isla, meta bdew isiru u jintramaw l-istatwi għall-armar ta' barra. Sewwasew fil-belt tal-Isla għad għandek issib l-statwa ta' Ġuditta li hi maħsuba li kienet waħda minn tal-ewwel statwi li saru minn Darmanin (Ġlormu Darmanin). Wara li kien sar restawr fuqha, l-istess statwa għadha tintrama u titella' fuq kolonna biswit il-knisja. Filwaqt li l-istatwi ta' ġewwa l-knisja, dawn saru qabel, jiġifieri fis-seklu tmintax, fiż-żmien il-Kavalllieri.

L-istatwa minn ġewwa jkollha dik li tissejjaħ l-**ANIMA (serratizz** li jidħol ġol-**PEDANA**) u miegħu jdur il-**KORP.** Il-pedana hija l-injama solida li fuqha tistrieħ u titqabbad l-istatwa biex ma titħarrekx. Il-korp ikun tal-**KARTAPESTA** (magħmul minn xkejjer, ġibs u kolla). Fuq barra tal-korp, l-istatwarju jaħdem u juri l-ħila tiegħu kif joħroġ dawk id-dettalji fini, meħtieġa u spjegabbli bħal **PANNEĠĠI** fl-ilbies, dawk il-pożizzjonijiet kif jitlob is-suġġett u xi **SIMBOLI** li jkunu assoċjati mal-persunaġġ li jkun.

Dawn l-istatwi għal ħafna snin kienu u għadhom fil-biċċa l-kbira tagħhom isiru fil-kartapesta, iżda dan l-aħħar qed naraw ukoll statwi tal-fajber. Dan, minħabba fatt, li xi festi jinzertaw jiġu jew fl-istaġun tax-xitwa jew qrib, bħal f'Settembru, Marzu u April. Oħrajn, xorta jkunu tal-kartapesta imma jingħataw kisja fajber biex ix-xita li dak iż-żmien ma tagħmilx qliel, tiżloq minn fuqhom. Ukoll, hawn min jgħatti dawn il-figuri b'xi għata bħal boroż tal-plastik li mbagħad jitneħħew fl-aħħar jiem tal-festa, jekk it-temp ikun jippermetti.

L-istatwi fuq il-kolonni tagħhom jirrappreżentaw episodji mill-ħajja tal-qaddis/a patrun/a tal-lokal fejn hi ċċelebrata l-festa. Ngħidu aħna, jekk tkun festa tal-Madonna, għandna naraw persunaġġi nisa fil-Bibbja bħal 'Ruth' u 'Abigail' u ma tonqos allura li tara lil 'Ġuditta' bħala eroj u xempju li tirrafigura lil Madonna rebbieħa fuq id-dnub. Jista' jkun ukoll li wieħed jiltaqa' ma' xi figuri marbutin mal-ġrajja tal-post, perkażu - granmastru, insemmi lil 'La Sengle'li jkun bena l-belt jew rabat ismu magħha għal xi ħaġa li jkun wettaq.

Meta jiġu biex itellgħu l-istatwi fuq il-kanolli – mhux bogħod fiż-żmien - id-dilettanti kienu jagħmlu użu minn **SKALAPIŻA**, li kien ikollha l-iskaluni qrib xulxin sewwa, biex waqt l-irfigħ, huma u telgħin bihom, ħadd ma jitfixkel waħda b'oħra u jispiċċaw kollha fl-art. Dan, għax naħa waħda tal-iskalapiża ma kienx ikollha lqugħ, apposta, li jiġi man-naħa li tmiss mal-kolonna, biex meta **JOLZAWHA** (jgħolluha mill-art) u jiġu biex ipoġġuha fuq il-kanolla ma jsibux xi jfixkilhom. Iżda, illum jarmaw l-*iscaffolding* madwar il-kanolli mgħejjuna minn trakk li jkun ittrasportahom mill-maħżen sal-post u b'dan il-mod tkun ittaffiet dik it-tbatija ta' dari.

Barra dawn l-istess statwi, li bejn wieħed u ieħor ikunu tal-istess daqs, ikollhom ukoll xi statwa/i ewlenin li jkun fihom medda aktar mill-oħrajn, li fil-lokal jinżammu b'ċertu għożża, għal xi raġuni jew oħra. Ngħidu aħna, għax din il-figura tkun tirrapreżenta xi ġrajja storika tal-post jew tkun l-istess statwa li hija t-**TITULAR** tal-parroċċa. Għaldaqstant, din ma tintramax bħal u mal-oħrajn imma fl-aħħar jum tat-**TRIDWU** jew **NOVENA** u tinġarr fuq l-idejn fit-toroq tal-lokal bil-banda ddoqq warajha u xi briju li ma jonqosx quddiem din l-istess figura.

Fl-aħħar tal-isfilata u għoddu tkun qalbet il-ġurnata, tittella' fuq kolonna kbira u għolja ħafna fost ċapċip u ħruq ta' musketterija u kaxxa infernali bil-kulur u tfigħ ta' karti jew **SUNETTI**.

Biex tittella' statwa ta' dan il-kobor trid, jew xi **PARANK** li l-vent tiegħu jgħaddi min-naħa għall-oħra tat-triq, jew krejn, jekk il-wisa' tat-triq tkun enormi, jew kull forma ta' **GRUWA**. Pereżempu l-Birgu jużaw il-**BOMA** (jgħidulha) li tkun nofs arblu mqabbad mas-sur filwaqt li l-Isla jużaw il-parank.



# IL-PJANĊIER TAL-BANDA

Il-**PJANĊIER**, jew kif jingħad ukoll, il-**palk tal-banda,** fih biċċa armar dekoruża, li tgħaxxqek tħares lejha u daqstant ieħor fih biċċa xogħol biex tarmah. Difatti, biex jarmawh, ikunu **ĠGAJTA** jew **GAJ** ta' nies. Ġeneralment ikunu midħla tal-każin tal-banda jekk ma jkunux **id-dilettanti tal-armar**. Hawnhekk qed nirreferi għal dawk il-**palkijiet/pjanċieri** artistiċi b' ħafna xogħol ta' lavur fihom li bdejna naraw dan l-aħħar żmien. Għall-maestrija tagħhom, dawn il-palkijiet jintramaw fl-aktar postijiet prominenti, ngħidu aħna fi msieraħ ħdejn il-knisja jew faċċata tal-istess każin tal-banda.

Il-bażi tal-pjanċier tkun tikkonsisti minn qafas tal-ħadid, isejħulha l-**'BRIMBA'**, u fuqha jistrieħu l-fallakki biex issa dawn iservu ta' bażi jew pjattaforma fejn jistgħu jitpoġġew il-**LEĠIJI** flimkien mal-bandisti, il-kor mas-solisti, u s-surmast. Quddiem is-surmast jitqiegħed leġiju kbir maħdum fl-injam iddekorat b'xi lavur, u **L-PODJU** - fuqiex jidderieġi l-banda – f'id waħda jkollu l-BAKKETTA u bl-oħra jaqleb il-**PARTITURA** jew **l-ISPARTIT** għall-paġna li jmiss. Il-leġiji tal-bandisti jkollhom fuqhom il-**PARTI** jew il-**LIBRETT** ma' xi **VOLANTI.** Bejn l-ispartit tas-surmast u l-parti tal-bandist, id-differenza tkun, li tas-surmast tkun tinkludi l-partijiet kollha tal- istrumenti flimkien, mentri tal-bandist tirrigwardja biss in-noti li l-bandist għandu miktuba fuq il-librett. Dwar il-volanti, din tissejjaħ hekk, għax din tkun separata u ma tiffurmax parti mil-librett innifsu, u għahekk tista' ttir jew taqa', jekk titħalla mhux mehmuża u għal din ir-raġuni tissejjaħ 'volanti'. Din, fil-biċċa kbira tal-każi, tkun l-innu popolari tal-qaddis/a patrun/a tal-lokal.

Il-ġnieb tiegħu jkunu **FAĊĊATIET** ta' injam solidu b'ċertu tul u għoli mqejjes li jkun fih xi skultura jew **RILJIEV** tax-xeħta **'basso'** jew **'alto'**. Jista' wkoll li jkollhom l-**INTERZJAR,** barra xi stampa fl-isfond jew fil-**PANEWIJIET**. Fuq il-faċċatiet iserraħ is-**SOTTOBANK** u bejn il-**PILASTRI**, jistrieħ il-**KANĊELL** li jkun jew balavostri tal-injam jew ħadid iddekorat. Dan, barra li jagħmel din l-opra kompluta, ma jagħtix lok li jaqa' xi ħadd, il-bandisti l-aktar, għax huma jkunu bilqiegħda jdoqqu magħhom. Imbagħad fix-**XWIEKI** tas-**SOPRABANK,** anzi fuq il-pilastri sewwa jitqiegħdu **BRAZZI** elaborati sbieħ li jkunu jixirqu lil din l-opra tabilħaqq sabiħa. Fuq quddiem tal-palk, wieħed għandu jsib żewġ indajjen taraġ imqawsin kontra xulxin biex minnhom titla' fuq il-palk

Immela, kollox ikun imħejji kif għandu jkun għal-lejlet il-festa filgħaxija - barra l-partijiet tal-mużika fuq il-leġiji. U hekk, għall-ħabta ta' xi d-9.30, jibda l-programm mużikali li jsir kull sena li fih ikunu mistiedna l-kappillan, is-sindku, il-kunsill lokali, l-għaqdiet, każini u xi assoċjazzjonijiet oħra tal-lokal filwaqt li l-pubbliku jissieħeb fuq wara jew f'xi mkejjen imħollija. Il-partijiet tal-mużika jitħallew lejn l-aħħar ħin, qabel jibda l-programm. It-tip ta' mużika li tindaqq m'għadhiex tkun biss minn siltiet klassiċi jew operistiċi imma qed tiżżewwaq ma' mużika kontemporanja u popolari għall-gosti ta' kulħadd, ukoll dik żagħżugħa.

L-għada, f'nhar il-festa, il-banda minn fuq l-istess pjanċier, tilqa' l-ħruġ tal-vara fil-bieb tal-knisja. Id-daqq tal-istrumenti f'daqqa flimkien mal-kant tal-kor u xi solista jsellmu b'innijiet ferrieħa l-patrun/a malli j/tfeġġ barra mill-bieb ewlieni, b'intervall għal xi poeżija f'għieħu/ha. Wara, il-banda terġa' tesegwixxi programm ieħor, barra dak ta' lejlietha.

Ħafna lokalitajiet jaqilgħu banda oħra biex takkumpanja l-purċissjoni li ddur fit-toroq tal-madwar. Il-banda ddoqq mużika xierqa sakemm il-purċissjoni tasal quddiem l-istess pjanċier, u allura issa tkun qorbot sew biex tidħol ġewwa l-knisja. Il-banda ta' fuq l-istess pjanċier terġa' sellem lill-vara li tkun waslet quddiemha u li minn issa 'l quddiem jerġgħu jibdew jindaqqu - tal-aħħar - l-innijiet li flimkien man-nies miġbura quddiem il-vara, jakkumpanjawha bil-kant sad-dħul, fost l-għajjat u ċ-ċapċip ma' xi tqabbil ieħor ad unur il-qaddis/a.



# MENSOLI BIL-PUTTIN FUQHOM

Fost l-armar li jintrama, hemm dak li jeħel mal-ħajt. B'mod partikolari, qed nalludi għal dawk il-**MENSOLI** li nsibu ma xi faċċati tal-knejjes jew kappelli fejn qed isir il-festa. Oriġinarjament din il-kelma ġejja mil-Latin 'mensa' li tfisser **mejda** *(counter; altar)*. Aħna ħadnieħa mit-Taljan *mensola* li b'ilsienna ġiet tfisser xkaffa, kileb jew ħarrieġa; qrib sewwa tat-tifsira oriġinali. Iżda ma ngħidulhiex xkaffa għax ma tkunx xkaffa waħedha, imma jkollha sieq taħt il-ħarrieġa li tieħu l-forma ta' figura ta' anġlu jew ta' xi disinn b'ornament ieħor. Il-kelma 'mensola', fil-knisja, insibuha tintuża mhux ħażin ma' ħwejjeġ li għandhom l-istess funzjoni ta' xkaffa jew wiċċ ċatt.

Mela dawn il-mensoli – fil-biċċa kbira tal-każi - jitqiegħed fuqhom **PUTTIN**; anġlu żgħir fil-kartapesta bi skrizzjoni f'idejh jew simboli. Jintramaw l-aktar, fejn il-knisja tkun tinsab fi triq dejqa li ma jkunx possibbli li tarma l-kolonni fiha. Dan huwa armar żgħir fid-daqs imma għax żgħir, jagħti dehra ħelwa ma' faċċata ta' knisja.





# ARMAR IEĦOR - IL-BALLUN

Il-Birgu, fil-pjazza ewlenija, tintrama kolonna, żgħira fid-daqs, iżda unika, jew waħda mill-waħdiet. Tikkonsisti f'zukklatura u tromba, it-tnejn baxxi, u fuqhom tispiċċa bi flieli tawwalin, xi erbgħa b'kollox. Fl-ispazju ta' ġol-flieli – li għalhekk jissejjaħ ' ballun' - jitfgħu amorini li mad-daqq tat-*Te Deum*, lejlet il-festa filgħodu, il-flieli jinfetħu u l-għasafar itiru. Dan isir permezz ta' miċċa/mikbes (ftila tal-porvli).

Din ix-xorta ta' kolonna ilha mal-mitt sena tintrama u skont ma qaluli, hemm żewġ verżjonijiet dwar is-sinifikat ta' din id-daqsxejn ta' kolonna. Waħda marbuta ma' San Lawrenz, il-patrun tal-Birgu. Jingħad illi, peress li San Lawrenz kien iqassam ħwejġu u oġġetti lill-foqra u f'dan il-ballun fl-antik kien ikollok xi tofi jew ħelu mas-sunetti ġewwa, allura l-aħħar ġest huwa rifless ma' tal-ewwel. It-tieni verżjoni tal-għasafar itiru: huma tixbiha tat-tluq tat-Torok minn gżiritna u li l-Birgu, u Malta, ħarġu rebbieħa. Mat-tieni aktar hemm min iżomm minħabba li din kienet tintrama maġenb il-monument ta' 'Malta Rebbieħa' u lkoll nafu li l-Birgu kien il-kwartieri tal-kavallieri fiż-żmien l-Assedju l-Kbir, tal-1565.






# IT-TROFEW

Ħafna huma tal-fehma li l-kelma **trofew** ġejja minn żmien ir-Rumani li kienu jagħtu trofew lil min iwettaq xi att erjoku, jew inkella li b'ħiltu, Ruma tkun kisbet xi rebħa jew avanz fuq il-għadu. Din l-idea baqgħet nieżla (tintiret) mill-kavallieri, sa waslet fi żmiena, fejn jidher issa ssarrfet f'biċċa armar tal-festa. Se nibda bit-**TROFEW POPOLARI** għax **it-trofew nazzjonali** ftit li xejn huwa magħruf. Iżda l-ewwel kien hemm it-trofew nazzjonali, u minnu żviluppa dan it-trofew popolari li bħalu naraw bosta fil-festi Maltin u li jsebbaħ l-imsieraħ u l-wesgħat tal-lokal.

Mela dawn il-kolonni, li jissejħu **'kolonni tat-trofej'** - plural ta' **trofew** - ikunu għadhom għerja, injam biss (mingħajr drapp) bl-arblu ġo nofshom u f'dan ir-rigward it-terminoloġija li tapplika għall-kolonni l-oħra, tapplika l-istess għat-trofej, iżda, mingħajr il-pedestallatura fuq.

Għalhekk flok il-pedestall, jitqiegħed l-**iSKUDU**, li fuq il-wara tiegħu, jkollu ħoloq ftit wesgħin biex fihom jidħlu speċi ta' bandieri, iżda, li l-kelma teknika għalijhom hija, **FJAMMI**. Fuq il-faċċata tal-iskudu, fil-biċċa l-kbira, għandek issib emblema li jkollha nisġa mal-post jew il-patrun/a. U għax ġeneralment din tkun emblema, allura tissejjaħ ukoll l-**ARMA**. Din l-arma prinċipalment tkun l-**iSTEMMA** (*coat of arms*) ta' Gran Mastru. Hawn min isejħilha **TARKA** wkoll. Iżejjen dan l-iskudu fid-dawra tiegħu, wieħed isib tinqix ta' skultura li jkompli jaqla' (isebbaħ) dan l-iskudu għax ikun jinsab fin-nofs ta' dan it-trofew.

Minn hawn 'il quddiem tibda r-raba' u l-aħħar fażi tal-armar. Din hi meqjusa bħala 'tad-drapp' għax ikun jonqos biss li jintrama d-drapp u hekk il-lokal ikun intlibes u lest għall-festa. Dan ikun bejn tlieta u erbat ijiem qabel nhar il-festa. Għax huwa għaqli li d-drapp ma jintramx kmieni ħafna minħabba x-xemx li tkagħbar id-drapp billi malajr titfi l-kuluri tiegħu, l-aktar jekk ikun xi drapp ġdid u rikk, u sewa kemxa flus ġmielha. Id-drapp hu l-aħħar ħaġa li jlibbes u jikkompleta l-armar li jkun diġà sar – u bħall-purtieri fid-dar, hu l-aħħar ħaġa li tintrama.

Mela niġu għad-drapp li jissejħu l-fjammi: dawn jistgħu jkunu ta' erba' jew sitt bandieri, tnejn/tlieta fuq kull ġenb tal-iskudu, u jintramaw la ġenba, bid-drapp imżaqqaq kif murija tajjeb fl-iskizz. Irrid ngħid, li t-trofej ġeneralment ikunu b'sitt fjammi biex joħolqu dehra aktar klassika u eleganti. Il-fjammi jidħlu ġo lasta li jkollha fuqha **LABARDA** li tista' tkun forma ta' lanza jew mannarett. Dawn il-bandieri (fjammi) fil-biċċa l-kbira jkunu ta' Malta, tal-Papa, tar-Reliġjon u ta'Ġerusalemm u tnejn l-oħra jkunu l-emblemi marbuta b'xi mod mal-lokal/parroċċa/knisja jew patrun/a. U hekk għandha tkun l-ordni li fiha għandhom jintramaw.

Fuqhom, mal-antarjol tittella' **BANDALORA** sabiħa u għax sabiħa tkun artistka, jiġifieri li tkun mimlija disinji, **GLALEN** u xi **EMBLEMA** fin-nofs, jekk mhux ukoll xi biċċa pittura flok l-emblema. **GLALEN** plural ta' **gallun**, huma dawk l-istrixxi ta' drapp b'kulur isfar li joħolqu disinn/aspett u jissoktaw mad-drapp kollu u li bihom tkun mimlija l-bandalora. Dawn ikunu kemxejn sfumati biex joħolqu dehra isbaħ. Hawnhekk irrid ngħid, li l-bandalora ma qisthiex bħala armar għaliha peress li qed niddesdriviha hawnhekk ma' drapp ieħor li jintrama bħala sett fuq dan it-tip ta' trofew.

Kif taraw minn dan l-iskizz, it-trofew huwa mgħammed sew bit-termini. Dan jitqies bħala biċċa xogħol ta' armar ta' eleganza u ġmiel li jsebbaħlek fejn ikun. Huwa sewwasew għal dan il-għan, li jintrama fi pjazez u f'postijiet wesgħin u prominenti. Kważi dejjem, it-trofej ikunu sett sħiħ maħsub għal-lok partikuari fejn se jintramaw u l-post/pjazza tingħalaq ħajjeb bihom, filwaqt li bejniethom jitpoġġew xi kanolli tal-istatwi, pilandri jew brazzi.



# IT-TROFEW NAZZJONALI

Wara li tajt ħjiel fuq l-oriġini tat-trofew fit-taqsima ta' qabel, ma nistagħġbux meta jingħad li l-armar ta' barra jaf il-bidu tiegħu lill-Kavallieri ta' San Ġwann. Forsi mhux l-armar kollu li naraw illum, iżda it-trofew nazzjonali naħseb jixhed sew il-rabta mal-kavallieri.

Intant fid-dizzjunarju/teżawru tiegħu, Mario Serracino-Inglott, jagħti din it-tifsira ta' trofew nazzjonali: **"armamenti jew fdal tal-gwerra mirbuħa fi gwerra; arblu mżejjen bil-kisbiet biex jibqa' jfakkar ir-rebħa,"** barra li għandu tifsira oħra; dik ta' tazza/premju.

Dan it-trofew nazzjonali - ikolli ngħid - mhux magħruf ħafna, għax mhux mifrux, għajr fl-Isla, u hemm xebh tiegħu fin-Naxxar. Bir-raġun li ssibu f'dawn il-lokalitajiet, li t-tnejn huma ddedikati lill-'Vitorja'.

Dan it-trofew huwa distint mit-trofew popolari, għax bħala kuluri tara biss fih l-abjad u l-aħmar, li huma l-kuluri nazzjonali tagħna. Huwa sewwasew għalhekk, li din il-għamla ta' trofew huwa marbut mar-rebħa li għamlet Malta fit-8 ta' Settembru 1565. Wieħed għandu jsib, f'nofs dan l-armar, l-istatwa ta' 'Malta Rebbieħa' li tirrappreżenta l-figura ta' Malta, bħala rebbieħa fl-Assedju l-Kbir, u kienet din ir-raġuni il-għala dan il-jum baqa' jissejjaħ 'Jum il-Vitorja'.

It-terminoloġija distintiva f'dan it-trofew insibu: ŻONQRA flok zukklatura - għax żgħira fid-daqs; imbagħad, 'il fuq miż-żonqra ġieli titwaħħal **ARMA** tal-landa miżbugħa biż-żewġ kuluri tagħna waħdanin (l-aħmar u l-abjad), u lazz aħmar li jorbotha mal-arblu (din mhix miġjuba f'dan l-iskizz); aktar 'il fuq, jitpoġġa **l-ISKUDU** u miegħu titwaħħal **TARKA** li tkun arma ta' Granmastru partikulari jew salib tal-Kavallieri. It-tarka magħha jkollha **SJUF** u **LANZETTI**, **PJUMA** u **ELMU**. Mill-iskudu joħorġu l-**FJAMMI** (il-bandieri tal-ġnub). Differenti mit-trofew l-ieħor (li ssibu f'kull festa), dan ikollu żewġ fjammi weqfin bil-kuluri tal-bandiera Maltija u tnejn l-oħra bbuzzati 'l barra li d-drapp tagħhom jaqa' mżaqqaq, u flok ta' Malta, jġibu l-emblema tar-Reliġjon. Distintiv ieħor huwa, l-ornamenti fl-irjus tal-lasti tal-bandalori li jispiċċaw forma ta' mannarett u li jkollhom imdendel magħhom **SAWT** forma ta' boċċi kbar bix-xwiek. Dawn l-ornamenti kollha jkunu jagħtu f'kulur il-bronz bi sfumar ħafif li jmur tajjeb mas-suġġett hawn trattat. Wieħed malajr għandu jintebaħ li dan it-tip ta' sawt huwa kollu marbut mal-armamenti li kienu jintużaw dak iż-żmien. Ukoll, lejn ir-ras tal-antanjol, barra li jkollu labarda fir-ras tiegħu, (għelm ieħor fit-taqbid) titwaħħal kuruna tal-rand, palma u salib imdaqqas tal-injam - kif muri tajjeb fl-iskizz. Ħaġa oħra ta' min jinnota hija, il-bandalora tan-nofs li barra li tkun ta' ċertu tul, f'nofsha sewwa, u lejn it-tarf, ikollha tiċrita forma ta' V (*slit*) u ġġib l-emblema ta' Malta. Fin-nofs tal-bandalora - mhux kbira hafna - għandek tosserva l-annu 1565 miktuba fuq sfond isfar imdawwar b'girlanda – f'dan l-iskizz mhix miġjuba lanqas.






# IL-PAVALJUN

Il-pavaljun huwa għamla oħra ta' drapp fl-armar ta' barra. Ġeneralment dawn ikunu żewġ **pendenti** twal fil-ġnub u ieħor ta' tul medju fin-nofs u jintramaw fit-triqat fejn it-triq ma tkunx wiesgħa daqstant.

Xi xahar qabel il-festa jitwaħħal il-wajer jew vent tal-azzar bit-**TARJOLI** u l-ħbula magħhom għal kemm jittella' l-pavaljun f'postu. F'dan iż-żmien ukoll, id-drapp tal-pavaljun jiġi **MMUNTAT** fil-lasti jekk ikun **ŻMUNTAT** wara l-festa. Meta d-drapp jiġi mmuntat, il-ħoloq tad-drapp jiġu ppinjati jew jinqaflu bi qfieli biex id-drapp ma jimxix.

Biex pavaljun ikun armat komplut, jeħtieġ ikollu **SOPRAPORTA** fejn il-lasta tal-pavaljun tgħaddi minn ġo fiha biex hekk il-pavaljun jieħu xeħta ta' eleganza. L-eleganza titlob li mal-pavaljun ikun hemm **KONTRA PAVALJUN** kif jidher fuq id-disinn, bi **FRENEZ** jew **PUMI** fit-trufijiet

Ma' dan ukoll, biex pavaljun joqgħod xieraq fit-triq li jintrama fiha, jeħtieġ li jkun meħjut skont il-wisa' tat-triq u għandha titħalla l-istess medda tul, bejn pavaljun u ieħor. Il-pendenti tal-pavaljun, l-aktar dak tan-nofs, m'għandhomx ikunu twal iżżejjed, jekk minn taħtu, fit-triq, jgħaddu tip ta' inġenji li jistgħu jagħmlu ħsara lid-drapp. Fid-drapp tal-pendenti tal-ġnub tgħaddi daqsxejn ta' injama ċatta biex il-pavaljun jibqa' miftuħ. Lejn it-tarf tagħhom, minn ġo **ANELLA**, l-istess l-pendenti tal-ġnub, jintrabtu b'**LENZA** mal-ħajt. Dan jgħin ħafna biex il-pavaljun ma jitkebbibx bir-riħ. F'dal-każ, ġieli tara wieħed b'lasta twila f'idu joqgħod jirranġa l-pavaljuni wieħed wieħed.

L-aktar pavaljuni li jiġbdu l-għajn, huma dawk li jkunu mimlija disinji li bl-**isfumar** tagħhom ikomplu jaqilgħu l-pavaljun. Hemm pavaljuni li jkollhom xi pittura b'tema mal-qaddis/a. Dawn tal-aħħar, forsi l-aktar li jiġbdu l-għajn, għalkemm mhux bilfors li hu hekk; jiddependi skont ix-xejra tal-arti li wieħed ikollu fih.

Irrid ngħarraf – tal-aħħar - li daż-żmien ħafna mid-drapp sar jintrama billejl. L-ewwel nett, minħabba l-bosta inġenji li jgħaddu mit-toroq binhar li ma jħallukx tarma bil-galbu; kif ukoll il-periklu u l-konġestjoni tat-traffiku li jinqala'. It-tieni, jagħmel tajjeb, li l-pavaljuni jiffrankaw il-ġurnata xemx ta' filgħodu.

**L-ARKUNI**

Hawn nixtieq inżid xi ħaġa oħra: kien u għad hawn xi **ARKUNI**. Dawn jagħtu lemħa ta' **SOPRAPORTA DDISINJATA** li tista' tkun ta' materjal li tkun, bid-divrenzja li dawn ma jibqgħux neżlin sal-art imma jaqbdu mal-ħajt tat-triq u jidħlu f'ħadid oħxon qishom **ANELLI INGASTATI** fil-ħajt. Bħal dan it-tip, hemm Ħal-Tarxien li narahom sbieħ u jixirqu ħafna fit-triq dejqa li jintramaw fiha, faċċata tal-knisja. Dawn l-arkuni barra li għandhom is-sbuħija tagħhom kemm binhar u kemm billejl, għandhom iktar minn għan wieħed: dik li jiskansaw li jkunu ta' xkiel għat-traffiku, u dik: li huma armati bid-drapp u d-dawl fl-istess ħin, biex ikunu kemm ta' tiżjina filgħodu u kemm imdawla filgħaxija meta **l-arkun** ikun mixgħul kollu.

# IL-BANDIERA,
## u l-Għeluq ta' din il-Ġabra




Nagħlaq din il-ġabra ta' artkli bit-tema tal-bnadar/bandieri, u kif inhu xieraq, bil-bandiera Maltija. Il-bnadar jew bandieri jagħmlu parti kbira mid-drapp li jżejjen il-festi tagħna. Filwaqt li d-drapp tal-armar tal-festi jimla t-toroq, l-imsieraħ u mkejjen oħra tal-lokal, il-bandieri fuq il-bjut, jittajru flimkien, ikun fihom tiżjina u għaxqa fl-istess ħin, f'żiffa ħelwa tas-sajf - l-aktar meta jkunu bnadar kbar. Il-bnadar jittajru, fihom infushom jagħtu bixra/ħjiel ta' ċelebrazzjoni kull fejn ikunu; huma għelm ta' festa li flimkien mad-daqq tal-qniepen inisslu l-ferħ.

L-aktar li tarahom hu f'xi festa prinċipali tal-parroċċa għax bosta jkunu li jtellgħu l-arblu fuq il-bejt għal din l-okkażjoni. Iżda, mhux biss fil-festa, imma anke matul is-sena meta tinzerta xi ġurnata speċjali, ngħidu aħna f'xi festa pubblika jew reliġjuża, jew il-lokal ikun qed jiċċelebra xi avveniment partikolari. Naturalment għall-Għid u l-Milied, qatt ma jonqos li naraw bnadar jittajru 'l hinn u 'l hawn

Ikolli ngħid li l-aktar post f'Malta li jtellgħu bnadar fil-festa/i tar-raħal, huwa ż-Żurrieq. Imbagħad, xena sabiħa li tara fuq is-swar, insemmi l-Birgu u l-Isla, bil-bandieri tal-Gran Mastri mlewna b'tiżwiqa ta' kuluri.

Differenti mill-bqija tat-temi preċedenti, il-bandiera m'għandhiex xi elenku ta' glossarju x'wieħed joqgħod jintilef jgħid. Madanakollu, għad illi ġbart kull tagħrif possibbli li għandu x'jaqsam mal-armar ta' barra, ma jfissirx li ma baqax x'jinġabar aktar - imqar 'l quddiem

Qabel ma nasal biex nagħlaq, nistħajjel xi ħadd jistaqsini: minn fejn oriġina l-armar ta' barra jew x'kien il-bidu tiegħu fil-gżejjer tagħna.......? Ngħid fis-sew, biex tagħmel riċerka bħal din, mhijiex daqshekk faċli, għax l-uniku sors li tista' toqgħod fuqu, huwa l-arkivji tal-parroċċi meta l-isfqijiet kienu jagħmlu xi visti pastorali dak iż-żmien. Iżda, jingħad li l-armar ta' barra ġej miż-żmien li l-kavallieri kienu jmexxu Malta. Fis-sew, it-'Trofew Nazzjonali', 'l-Ark Trijonfali' u 'l-Malta Rebbieħa', dawn (naħseb) huma xhieda biżżejjed li juruna l-oriġini tal-armar f'Malta. Fil-fatt dawn li semmejt, għandhom rabta sħiħa mal-Assedju l-Kbir u r-rebħa tat-8 ta' Settembru 1565. Nissokta ngħid li dawn ma jinstabux f'postijiet oħra fejn jiddelettaw bl-armar, saħansitra ġewwa Sqallija. Għalhekk wieħed jikkonkludi li dawn it-tliet biċċiet armar huma fi żgur il-karatteristika ta' dawn il-gżejjer. Il-kuluri tat-trofew nazzjonali, l-abjad u l-aħmar biss, huma xhieda ta' dan. Il-'Malta Rebbieħa' wkoll hija l-figura ta' Malta fit-taqbid mal-Mislem. Saħansitra isfel, fl-erba' xwieki ta' kolonna kbira u għolja, għandek issib erba' Torok b'armi f'idejhom u fuq nett tal-kolonna, tiddomina u tisraq ix-xena, l-istatwa; dik ta' 'Malta Rebbieħa'. Iżda tajjeb li ngħid, li m'għandux wieħed jaħseb li l-istatwa ta' Malta Rebbieħa u statwi oħra ġejjin minn dak iż-żmien bikri ta' wara l-Assedju, anzi d-dokumenti misjuba juru li dawn bdew jidhru lejn l-aħħar tas-seklu dsatax.

**© Saviour Camilleri**